# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud.Rel.; Dip. Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum l-1 ta' Decembru, 2015.**

**Rikors Numru 1061/2009 SM**

**Paul u Alexandra Piscopo**

**vs.**

**Kontrollur tad-Dwana**
**u b'digriet datat l-4 t'April, 2013,**
**gie sostitwit bil-kliem**
**Direttur Generali (Dwana)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors promotur datat it-30 t'Ottubru, 2009, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament espona s-segwenti:

1.1. Illi permezz ta' nota datata l-14 t'Ottubru, 2009, kien infurmat li kienu maqbuda s-segwenti oggetti:

1.1.1. L-MFV Alexandra I, (12008);

1.1.2. Tlett (3) kampjuni ta' diesel;

1.2. Illi jikkontesta n-nota ta' qbid mahruga mill-intimati fil-konfront tieghu;

1.3. Illi jahdem bid-dghajsa *de quo* fil-professjoni tieghu ta' sajjied;

1.4. Illi kien in *buona fede* fl-agir tieghu in dizamina;

1.5. Illi kien qed ibattal bastiment mid-diesel biex ipoggieh f'bastiment iehor;

1.6. Illi ghaldaqstant adixxa din il-qorti biex din:

1.6.1. Tordna r-rilaxx ta' l-oggetti konfiskati fuq indikati;

1.6.2. Taghti kull provediment iehor xieraq u opportun fir-rigward;

2.0. Rat ir-risposta ta' l-intimat datata s-26 ta' Novembru, 2009, li permezz tieghu wiegeb sintetikament bil-mod segwenti:

2.1. Illi l-Avukat Generali ma giex notifikat skont il-ligi;

2.2. Illi *stante* l-ezistenza ta' procedura ohra fl-ismijiet Abela vs. Kontrollur tad-Dwana, numru 1063/09, ikun opportun li l-kawzi jinstemghu konguntament;

2.3.1. Illi d-dghajsa in dizamina inqabdet skont il-ligi *stante* li kienet iggorr *fuel duty free* bi ksur tal-ligi u b'telf ghall-erarju;

2.3.2. Illi din hi procedura *in rem* intiza ghal rilaxx t'oggett konfiskat u ghalhekk, hu rrilevanti min hu s-sid tad-dghajsa;

2.3.3. Illi hu wkoll irrilevanti ghalhekk jekk is-sid *de quo* kienx konoxxenti jew le bl-uzu kontra l-ligi li sar mid-dghajsa *de quo*;

2.3.4. Salv risposti ulterjuri;

2.3.5. Illi t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom ghalhekk jigu respinti, bl-ispejjez;

3. Illi a skans ta' dilungar inutile taghmel referenza ghall-verbal tal-partijiet kontendenti datat is-26 ta' Mejju, 2010, fl-atti tar-rikors numru 1063/2009 fuq gia` indikat, (ara paragrafu numru tnejn punt tnejn, (2.2.) aktar qabel), li permezz tieghu ddikjaraw li kienu qed jaqblu li l-provi kollha mismugha jghoddu wkoll ghall-prezenti rikors, liema verbal gie wkoll ribadit fl-udjenza sussegwenti, (ara foll 12 u 13 ta' l-imsemmi rikors);

4. Illi ghaldaqstant ghall-ekonomija tal-gudizzju taghmel ampja referenza ghall-atti kollha mismugha u migbura kemm fil-procedura in dizamina u fir-rikors 1063/2009 fuq indikat u tiddikjara li a skans ta' ripetizzjoni inutili qed tistrieh fuq l-analizi fattwali u legali hemm sintetikament esposta u li konsegwentement qed tadotta fil-procedura odjerna biex tibbaza l-motivazzjonijiet u konkluzzjoni hawn elenkati;

Ikkunsidrat:

5.0. Illi in vista ta' l-istess jirrizulta assodat sintetikament is-segwenti:

5.1. Illi d-dghajsa "Alexandra I" giet mixtrija mir-rikorrenti fl-Egittu permezz ta' kuntratt datat is-27 t'Awwissu, 2009;

5.2. Illi l-istess rikorrenti kien jaf li fuq l-istess dghajsa kien hemm hamsa u ghoxrin elf, (25,000.00), litru diesel, kif indikat fl-istess kuntratt;

5.3. Illi meta d-dghajsa *de quo* ingiebet Malta, r-rikorrenti ta` struzzjonijiet biex id-diesel jinhatt u biex l-istess jittiehed fis-satra tal-lejl u jitqieghed f'dghajsa ohra tieghu li ggib l-isem "Madonna ta' Pompei";

5.4. Illi meta l-istess diesel gie mghobbi fi trakk li ma kienx debitament registrat biex igorr materjal perikoluz simili,

gie intercettat mill-awtoritajiet dogonali li kkonfiskaw l-istess u elevaw tlett (3) kampjuni;

5.5. Illi mill-ezamijiet kondotti rrizulta b'mod inekwivokabbli li d-diesel hekk elevat ma kienx konformi ma dak utilizzat Malta billi instab li kellu amont ta' *"sulphur"* li ma kienx skont l-indikazzjonijiet statutorji lokali;

5.6. Illi l-istess realta` kienet ukoll ikkonfermata mill-istess rikorrenti fix-xhieda tieghu u fil-kuntratt fuq indikat;

Ikkunsidrat:

6.0. Illi ghalhekk jirrizulta assodat li:

6.1. Ma thallasx id-dazju dovut fuq id-diesel *de quo*;

6.2. L-istess diesel kien qed jigi kutrabandat bil-lejl biex jitqieghed fuq dghajsa ohra proprjeta` ta' l-istess rikorrenti;

Ikkunsidrat:

7.0. Illi in vista tal-premess ghandu jkun pacifiku li r-rikorrenti ma pprovax il-kaz tieghu skont il-ligi, u konsegwentement:

**DECIDE:**

7.1. Filwaqt li takkolji r-risposti ta' l-intimat;

7.2. Tirrespingi t-talbiet kollha tar-rikorrenti;

7.3. Bl-ispejjez ta’ din il-procedura kontra r-rikorrenti.

___________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**